

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Kreuzmayr GmbH

Konvenut: Finanzamt Linz

Dispożittiv

- 1) F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 32 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li dan japplika għat-tieni waħda minn żewġ kunsinni suċċessivi tal-istess oġġett li taw lok biss għal trasport intra-Komunitarju wieħed.
- 2) Ladarba t-tieni kunsinna ta' katina ta' żewġ kunsinni suċċessivi li jinvolvu trasport intra-Komunitarju wieħed hija kunsinna intra-Komunitarja, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandu jiġi interpretat fis-sens li l-akkwirent finali, li b'mod żbaljat invoka dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-input, ma jistax inaqqs, bħala taxxa fuq il-valur miżjud tal-input, it-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa lill-fornitur fuq il-bażi biss tal-fatturi mibgħuta mill-operatur intermedjarju li kklassifika b'mod żbaljat il-kunsinna tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 95, 27.3.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-21 ta' Frar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Peugeot Deutschland GmbH vs Deutsche Umwelthilfe eV

(Kawża C-132/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Direttiva 2010/13/UE — Definizzjonijiet — Kunċett ta' "servizz tal-media awdjoviżiva" — Kamp ta' applikazzjoni — Kanal ta' vidjos promozzjonali mudelli ta' vetturi ġodda partikolari disponibbli fuq YouTube)

(2018/C 134/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Peugeot Deutschland GmbH

Konvenuta: Deutsche Umwelthilfe eV

Dispożittiv

L-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2010/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva), għandu jiġi interpretat fis-sens li d-definizzjoni ta' "servizz tal-media awdjoviżiva" la tkopri kanal tal-vidjos, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fuqu l-utenti tal-internet jistgħu jaraw vidjos promozzjonali qosra dwar mudelli ta' vetturi ġodda partikolari, u lanqas wieħed biss minn dawn il-vidjos meqjus b'mod iżolat.

⁽¹⁾ ĠU C 213, 03.07.2017.